

AVVIŻ TA' POST BATTAL¹

UFFIĊJAL LEGALI

REF: LEGAL LO TA AD6 RL

Tip ta' kuntratt	Aġent Temporanju ²
Grupp ta' funzjoni u grad	AD 6
Tul ta' żmien tal-kuntratt	3 snin, bil-possibbiltà ta' estensjoni
Post tax-xogħol	Londra, ir-Renju Unit. Huwa mistenni li l-EBA tiġi rilokata għal Pariġi ³
Data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet	15/03/2018 f'12.00pm ħin ta' Londra
Lista ta' riżerva valida sa	31 ta' Diċembru 2019

L-Awtorità

L-Awtorità Bankarja Ewropea ("EBA") hija Awtorità indipendenti tal-Unjoni Ewropea li ġiet stabbilita fl-1 ta' Jannar 2011 bir-Regolament (KE) Nru. 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010.⁴

Il-Missjoni

Bil-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern tal-Unjoni Ewropea, l-EBA tikkontribwixxi għall-iżgurar ta' regolamentazzjoni u superviżjoni ta' kwalità għolja, effettiva u ta' livell konsistenti fl-oqsma ta' kompetenza tagħha. Din tippromwovi wkoll il-valuri pubbliċi bħall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, it-trasparenza tas-swieq u tal-prodotti finanzjarji, u l-ħarsien tad-depożituri u tal-investituri.

Din taħdem sabiex tipprevjeni l-arbitraġġ regolatorju u tiggarrantixxi kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, issaħħaħ il-koordinazzjoni superviżorja internazzjonali, tippromwovi l-konverġenza superviżorja u tipprovdi pariri lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam bankarju, dak tal-pagamenti u tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni ta' flus elettroniċi, kif ukoll kwistjonijiet relatati mal-governanza korporattiva, l-awditjar u r-rapportar finanzjarju.

Bħala parti integrali mis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (ESFS), l-EBA taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet assoċjati magħha, l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), kif ukoll il-Kumitat Konġunt u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ESRB).

Aktar informazzjoni dwar l-EBA hija disponibbli fuq is-sit web tal-EBA: www.eba.europa.eu.

¹ Dan l-avviż ta' post battal huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. F'każ ta' kwalunkwe inkonsistenza, il-verżjoni bl-Ingliż hija l-lingwa oriġinali u tipprevali, il-lingwi l-oħrajn huma traduzzjonijiet għal skopijiet ta' informazzjoni biss.

² Skont l-Artikolu 2(f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS).

³ Ara Taqsima 5.4 – Post tax-xogħol

⁴ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013, ĠU L 287, 29.10.2013, p.15.

L-EBA qiegħda tistieden applikazzjonijiet sabiex tistabilixxi lista ta' riżerva għall-profil ta' aġent temporanju li ġej: Uffiċjal Legali.

Deskrizzjoni tal-impjeg

Għan ewlieni

Jipprovdi parir legali u appoġġ legali lill-korpi u bordijiet mexxejja, lill-ġestjoni u lill-politika ewlenija u l-funzjonijiet ta' sorveljanza u operazzjonali tal-EBA. Jiżgura ambjent legali sod għall-funzjonament ġenerali, identifikazzjoni u prevenzjoni ta' riskji legali, proposti u żvilupp ta' soluzzjonijiet tal-EBA, b'mod partikolari billi jipprovdi analiżi legali u appoġġ lill-politika ewlenija u l-funzjonijiet ta' sorveljanza u operazzjonali tal-EBA.

Responsabbiltajiet ewlenin:

Uffiċjali Legali fl-EBA normalment jaħdmu f'qasam wieħed jew f'taħlita tal-oqsma li ġejjin:

Ibbankjar

- Jipprovdi appoġġ legali għall-attivitajiet regolatorji u ta' sorveljanza tal-EBA, inkluż pariri dwar u abbozzar ta' standards tekniċi, linji gwida, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet; l-analiżi u għoti ta' pariri dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni settorjali eżistenti u proposta;
- Jipprovdi analiżi legali dwar parir dwar il-kompiti u setgħat tal-EBA skont ir-Regolamentazzjoni tal-EBA u leġiżlazzjoni settorjali, inkluż investigazzjoni ta' ksur tal-liġi tal-Unjoni, solvien ta' tilwim bejn awtoritajiet kompetenti, azzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u restrizzjonijiet ta' attivitajiet finanzjarji.

Governanza, operazzjonijiet u litigazzjoni

- Jipprovdi analiżi legali u parir dwar governanza interna u kwistjonijiet istituzzjonali u dwar l-operat tal-EBA, inkluż dwar kwistjonijiet bħall-protezzjoni tad-data, aċċess għal dokumenti, riżorsi u akkwisti umani, etika, ġlieda kontra l-frodi, koordinazzjoni tat-trattament tal-ilmenti/mistoqsijiet li jaslu mill-pubbliku jew jitressqu quddiem l-Ombudsman Ewropew;
- Jabbozza u jinterpreta regoli ta' implimentazzjoni interna, regoli ta' proċedura u deċiżjonijiet sabiex l-EBA twettaq il-kompiti tagħha u teżerċita s-setgħat tagħha b'mod effettiv;
- Jipprovdi analiżi legali, pariri u assistenza b'rabta mal-litigazzjoni, f'każijiet partikolari quddiem il-Bord ta' Appell u l-QtĠ-UE.

Uffiċjali legali jistgħu wkoll:

- Jipparteċipaw fi gruppi ta' ħidma tal-EBA u jirrappreżentaw lill-EBA fil-livell tekniku u jikkooperaw b'mod effettiv fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom ma' ESAs, istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE oħrajn, u ma' awtoritajiet kompetenti;
- Jimmonitorjaw u jagħtu pariri dwar żviluppi rilevanti f'oqsma tal-liġi tal-UE marbutin mal-kompiti u l-funzjonament tal-EBA;
- Jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-bażi ta' għarfien tal-Unità.

Rekwiżiti

1. Kriterji ta' Eliġibbiltà

Biex ikunu kkunsidrati eliġibbli, il-kandidati jridu jissodisfaw il-kriterji kollha elenkati hawn taħt, sad-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

1.1 Ġenerali

- Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ċittadini taż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja);
- Ikunu intitolati għad-drittijiet tiegħu/tagħha kollha bħala ċittadin;⁵
- Ikun issodisfa kwalunkwe obbligu impost mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Ikollu għarfien tajjeb ħafna ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea⁶ u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea;
- Ikun fiżikament f'saħħtu biex iwettaq id-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni.⁷

1.2 Kwalifiki

1.2.1 Speċifiċi

Sabiex ikun eliġibbli, kandidat irid ikollu livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma, attestati b'diploma⁸ meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun mill-anqas tliet snin.

Applikazzjonijiet ta' kandidati bi studji universitarji mitmumin f'qasam ieħor iċċertifikati b'diploma u aktar studji u taħriġ li jippermetti lill-kandidati jipprattikaw ta' avukati (kif definit fl-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 98/5/KE) fi Stat Membru tal-UE jew Stat EEA EFTA se jkunu kkunsidrati.

1.2.2 Esperjenza professjonali

Sabiex jikkwalifika għal din il-pożizzjoni, kandidat irid ikollu, flimkien ma' dan ta' hawn fuq, mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali rilevanti mixhuda bi prova fuq bażi full time wara li jkun lesta l-edukazzjoni kif imsemmi taħt 1.2.1.

⁵ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul ser jintalab jipprovdi ċertifikat tal-kondotta mill-pulizija li jikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe rekord kriminali.

⁶ Il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma: il-Bulgaru, il-Kroat, iċ-Ċek, id-Daniż, in-Netherlandiż, l-Ingliż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Germaniż, il-Grieg, l-Ungeriz, l-Irlandiż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, ir-Rumen, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediz.

⁷ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul ser jiġi eżaminat minn wieħed miċ-ċentri mediċi tal-Unjoni Ewropea sabiex ikun ikkonfermat li l-kandidat jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 12(2)(d) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS).

⁸ Sejrin jiġu kkunsidrati biss kwalifiki li ngħataw minn awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew minn awtoritajiet taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti. Jekk l-istudji prinċipali jkunu saru barra mill-Unjoni Ewropea, il-kwalifika tal-kandidat trid tkun ġiet rikonoxxuta minn korp delegat uffiċjalment għal dan il-għan minn wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (bħal Ministeru tal-Edukazzjoni nazzjonali) u dokument li jattesta dan irid jiġi ppreżentat mal-applikazzjoni sad-data ta' għeluq.

1.2.3 Għarfien tal-lingwi

Għal skopijiet ta' xogħol, minħabba li l-Ingliż huwa l-lingwa ta' ħidma tal-EBA,⁹ huwa meħtieġ għarfien eċċellenti tal-lingwa Ingliża, kemm miktuba kif ukoll mitkellma.¹⁰

Kelliema nattivi tal-Ingliż ser jiġu ttestjati sabiex jagħtu prova tal-ħiliet tat-tieni lingwa tagħhom, skont it-taqsimha 1.1.

2. Kriterji tal-għażla

Flimkien ma' dak t'hawn fuq, se jintużaw il-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- Kwalifiki akkademiċi u professjonali rilevanti għall-oqsma ewlenin tax-xogħol speċifikati fid-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza f'pariri dwar kwistjonijiet legali miksuba f'funzjoni legali;
- Għarfien tal-liġi tal-UE u l-qafas istituzzjonali tal-UE rilevanti għall-EBA;
- Għarfien ta' regolamentazzjoni/superviżjoni tas-servizzi finanzjarji u/jew kwistjonijiet operattivi/istituzzjonali rilevanti għall-EBA;
- Esperjenza ta' kitba dwar kwistjonijiet legali bl-Ingliż.

Ikun ta' vantaġġ għall-kandidat jekk ikollu:

- Esperjenza fit-tweġiq ta' investigazzjonijiet fi ksur ta' rekwiżiti regolatorji jew leġislattivi;
- Esperjenza fl-abbozzar ta' rekwiżiti regolatorji f'linji gwida jew atti leġislattivi;
- Esperjenza ta' regolamentazzjoni/superviżjoni bankarja.

L-applikazzjonijiet se jiġu vvalutati abbażi tal-kriterji tal-Eliġibilità u Għażla speċifikati f'partijiet 1 u 2.

Għal din il-pożizzjoni, il-kandidati huma mistennija li jissodisfaw il-kompetenzi li ġejjin li għandhom jiġu vvalutati waqt intervisti:

- Sens qawwi ta' responsabbiltà, impenn u kooperazzjoni;
- Abbiltà li janalizzaw informazzjoni kumplessa minn firxa wiesgħa ta' sorsi, jikkunsidraw opinjonijiet u jipproponu/jimplimentaw soluzzjonijiet/rakkomandazzjonijiet;
- Abbiltà li jimmaniġġjaw l-ammont ta' xogħol tagħhom u jaħdmu mingħajr superviżjoni mill-viċin;
- Ikunu jaħdmu tajjeb f'tim b'ħiliet interpersonali b'saħħithom;
- Abbiltà li jaħdmu b'mod effiċjenti taħt pressjoni ta' ħin.

⁹ Deċiżjoni EBA DC 003 tal-Bord Maniġerjali dwar Arranġamenti Lingwistiċi Interni. (http://www.eba.europa.eu/documents/10180/16082/EBA-DC-003--_Language-Arrangements_---FINAL.pdf/a4e572a4-f91c-46ce-8814-c2f2c3396922)

¹⁰ L-għarfien irid ikun tal-anqas ta' livell B2. Il-valutazzjoni fuq livell ta' B2 issir skont il-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (CEFR) (<http://europass.cedefop.europa.eu/sites/default/files/cefr-en.pdf>)

3. Opportunitajiet indaq

Bħala Awtorit  tal-Unjoni Ewropea, l-EBA ser tapplika politika ta' opportunitajiet indaq u ser tieħu ħsieb tevita kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha.

4. Proċedura tal-għażla

Il-proċedura tal-għażla ser tinkludi dawn li ġejjin:

4.1. Ser jiġi stabbilit il-kumitat tal-għażla. Il-kandidati li huma mistednin joqogħdu għal testijiet bil-miktub u intervisti għandhom jiġu infurmati dwar il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' għażla fl-istedina.

4.2. Il-kumitat għall-għażla ser janalizza d-dokumenti ta' applikazzjoni (curriculum vitae, ittra ta' motivazzjoni u tabella tal-kriteriji ta' eliġibbilt ) tal-applikanti b'referenza għall-kriterji tal-eliġibbilt  u l-għażla u ser jistabbilixxi lista mqassra. Il-kandidati magħżula jistgħu jiġu mistiedna biex jagħmlu testijiet bil-miktub.

It-testijiet bil-miktub ser isiru bl-Ingliż u jkunu relatati mal-impjieg u mfasla sabiex jittestjaw l-abbilt  li jikkomunikaw bl-Ingliż miktub, l-għarfien u l-kompetenzi relatati mal-impjieg u l-ħiliet ta' tfassil. Marka totali għat-test bil-miktub: 10. Punteġġ minimu biex tgħaddi: 6.

Kandidati li jmorru tajjeb fit-testijiet bil-miktub biss se jrin jiġu mistiedna għall-intervisti.

L-intervista ser ikollha l-għan li tevalwa l-adeqwatezza tal-kandidat għat-twettiq tad-dmirijiet, l-għarfien professjonali u l-motivazzjoni. L-intervista ser issir bl-Ingliż. Marka totali għall-intervista: 10. Punteġġ minimu biex tgħaddi: 6.

Il-kandidati magħżula li jkollhom punteġġ totali ugwali għal jew ogħla minn 12 ser jitpoġġew fuq il-lista ta' riżerva, li ser tkun valida **sal-31 ta' Diċembru 2019**. Tista' tiġi mġedda. L-inklużjoni fil-lista ta' riżerva ma tiggarrantixx ir-reklutaġġ. Il-kandidat ser jintgħażel mil-lista ta' riżerva stabbilita li tista' tintuża wkoll għar-reklutaġġ ta' pożizzjoni simili skont il-ħtiġijiet tal-EBA.

Skont l-Artikoli 11 u 11a tar-Regolamenti tal-Persunal (SR) u l-Artikoli 11 u 81 tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea (CEOS) **il-kandidat magħz l ser ikun mitlub jagħmel dikjarazzjoni tal-kunflitt ta' interess qabel ir-reklutaġġ**. Id-Direttur Eżekuttiv tal-EBA ser jeżamina jekk il-kandidat magħz l għandux xi interess personali li jista' jxekkel l-indipendenza tiegħu/tagħha jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor fir-rigward tal-pożizzjoni offruta u ser jadotta l-miżuri xierqa. Għal dak il-għan, il-kandidat magħz l, permezz ta' formola speċifika, għandu jinforma lid-Direttur Eżekuttiv dwar kwalunkwe kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali.

Jekk jogħġbok innota li x-xogħol u d-deliberazzjonijiet tal-kumitat tal-għażla huma strettament kunfidenzjali u li kwalunkwe kuntatt mal-membri tiegħu huwa strettament ipprojbit. Kwalunkwe kuntatt li jsir mill-kandidati jew minn partijiet terzi sabiex jinfluenzaw lill-membri tal-Kumitat għall-Għażla fir-rigward tal-għażla jikkostitwixxi raġuni għal skwalifika mill-proċedura tal-għażla.

5. Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjeg

5.1 Tip, durata u data tal-bidu tal-kuntratt:

Il-kandidat magħżul ser ikun offrut kuntratt ta' aġent temporanju¹¹ għal terminu fiss ta' tliet snin b'perjodu ta' prova ta' disa' xhur u bil-possibbiltà ta' estensjoni.

Id-data tal-bidu stmata hija bejn xahrejn sa tliet xhur minn meta tasal l-offerta bil-miktub mill-EBA.

Informazzjoni riżervata għal kandidati impjegati bħala aġenti temporanji skont l-Artikolu 2(f) tas-CEOS f'aġenzija tal-UE oħrajn: Jekk l-applikant magħżul mill-proċedura ta' għażla esterna diġà huwa membru tal-persunal temporanju 2(f) f'Aġenzija tal-UE oħra, se jrid japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni tal-Bord tal-Immaniġġjar li jistipulaw dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ġenerali dwar il-proċedura li tmexxi l-involviment u użu ta' persunal temporanju skont l-Artikolu 2(f) tal-Kundizzjonijiet ta' Impjeg ta' Ħaddiema Oħrajn tal-Unjoni Ewropea (EBA/DC/2015/126)¹².

5.2 Grupp ta' funzjoni u grad:

Il-kandidati magħżula għandhom jiġu reklutati bħala aġenti temporanji fil-grad AD 6. Is-salarju bażiku fix-xahar stmat jibda minn EUR 5,326.04.

Id-dettalji tal-pakkett ta' remunerazzjoni kollu jinstabu fl-Artikoli 62 -70 u fl-Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għall-paġna tal-Karrieri tal-EBA: <http://www.eba.europa.eu/about-us/careers>

5.3 Sommarju tal-kundizzjonijiet tal-impjeg

- Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali; minflok titħallas taxxa tal-Unjoni minn ras il-għajn;
- Il-koeffiċjent tal-korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni tal-uffiċjali u aġenti oħra skont l-Artikolu 64 tar-Regolamenti tal-Persunal għar-Renju Unit. Wara r-rilokazzjoni tal-EBA, għandu japplika l-koeffiċjent tal-korrezzjoni applikabbli għall-post il-ġdid tal-EBA;
- Skont is-sitwazzjoni tal-familja individwali u l-post ta' oriġini, il-membri tal-persunal jistgħu jkunu intitolati għal dan li ġej: allowance tal-espatrijazzjoni, allowance tal-familja, allowance tat-tfal dipendenti, allowance tal-edukazzjoni, gratifika ta' insedjament u rimborż tal-ispejjeż tal-ġarr, allowance temporanja għas-sussistenza ta' kuljum tal-bidu u benefiċċji oħrajn;
- Intitolament annwali għal-leave - jumejn għal kull xahar kalendarju kif ukoll jiem addizzjonali għall-età, il-grad, u jumejn u nofs ta' leave għad-dar supplimentari mogħti lill-persunal li huwa intitolat għall-allowance tal-espatrijazzjoni jew għall-allowance ta' residenza barranija;
- L-Iskema tal-Pensjonijiet tal-UE (wara 10 snin servizz);
- Ir-Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni Kontra l-Mard tal-UE, il-kopertura tal-assigurazzjoni f'każ ta' aċċident u mard okkupazzjonali, l-allowance kontra l-qgħad u l-invalidità;
- Assigurazzjoni tal-ivvjaġġar f'każ ta' vvjaġġar fuq missjoni.

¹¹ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1

¹² <https://www.eba.europa.eu/documents/10180/15766/Decision+on+temporary+agents+%28EBA+DC+126%29.pdf/21960254-0f33-4631-8ed4-b5dc2a501fb3>

5.4 Post tax-xogħol

L-uffiċċji attwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea jinsabu fi Floors 45 – 46, One Canada Square, Canary Wharf, London E14 5AA – Ir-Renju Unit.

Pariġi, Franza ntgħażlet bħala s-sede ġdida għall-EBA. L-EBA u l-persunal tagħha se jimxu għall-post il-ġdid wara l-adozzjoni ta' leġislazzjoni sabiex tinbidel formalment is-sede tal-EBA.

6. Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet inkluż **curriculum vitae fil-format tal-Europass**,¹³ **ittra ta' motivazzjoni, u tabella tal-kriterji ta' eliġibbiltà mimlija**, iddatati u ffirmati jenħtieġ li jiġu sottomessi bl-Ingliż lill-indirizz li ġej: EBA-Applications@eba.europa.eu **sa 15/03/2018 f'12.00pm ħin ta' Londra. Jekk jogħġbok indika n-numru ta' referenza ta' din l-għażla, ismek u kunjomok fis-suġġett tal-email tiegħek.**

L-EBA mhija ser tqis l-ebda applikazzjoni li tirċievi wara l-iskadenza. L-applikanti huma mħeġġin sabiex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom, minħabba li ħafna traffiku tal-internet jew ħsarat fil-konnessjoni tal-internet jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. L-EBA ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe dewmien minħabba diffikultajiet ta' dan it-tip.

Ser jiġu aċċettati u kkunsidrati biss applikazzjonijiet mimlijin b'mod sħiħ. Sabiex l-applikazzjoni tkun ikkunsidrata bħala kompluta, il-kandidati jridu jibagħtu d-dokumenti kollha: curriculum vitae fil-format tal-Europass, ittra ta' motivazzjoni, u tabella tal-kriterji ta' eliġibbiltà ddatati u ffirmati qabel l-iskadenza.

Qabel jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, il-kandidati jenħtieġ li jevalwaw u jiċċekkjaw jekk jissodisfawx ir-rekwiżiti kollha kif speċifikat fl-avviż tal-post battal, b'mod partikolari f'termini ta' kwalifiki u esperjenza professjonali rilevanti.

L-esperjenza professjonali indikata fil-curriculum vitae tgħodd biss miż-żmien meta l-kandidat kiseb iċ-ċertifikat jew id-diploma meħtieġa għall-pożizzjoni u jekk hiji fuq bażi mħallsa (inkluż għotjiet għall-istudju u għotjiet għal internship). PhDs jistgħu jitqiesu bħala esperjenza professjonali jekk il-kandidati jkunu rċiew għotjiet għall-istudju jew salarju waqt l-istudji tal-PhD. It-tul massimu li jgħodd għall-PhD huwa ta' tliet snin diment li l-PhD tkun ġiet konkluża b'suċċess sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet tal-proċedura tal-għażla.

Id-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-pożizzjonijiet preċedenti l-oħrajn kollha u jekk xogħol full time jew part time jenħtieġ li jkun indikat fil-curriculum vitae. Kandidati freelance jew li jaħdmu għal rashom iridu jipprovdu jew kopja tad-dħul fir-reġistru tal-professjoni rilevanti, jew kwalunkwe dokument uffiċjali (pereżempju dokument tat-taxxa fuq id-dħul) li juru b'mod ċar it-tul tal-esperjenza professjonali rilevanti. Id-dettalji ta' kwalunkwe esperjenza professjonali, taħriġ, riċerka jew studju għandhom jingħataw fil-formola tal-applikazzjoni. Meta mitluba, il-kandidati jridu jkunu kapaċi jipprovdu fotokopji tad-dokumenti ta' sostenn li juru b'mod ċar it-tul u n-natura tal-esperjenza.

¹³ <http://www.eba.europa.eu/about-us/careers/practical-information>

L-indirizz indikat fil-curriculum vitae ser jintuża bħala l-post li minnu l-kandidati mistiedna għall-intervisti jivvjaġġaw.

F'dan l-istadju, jekk jogħġbok tibgħatx dokumenti ta' sostenn (kopji tal-ID cards, passaporti, diplomi, eċċ.)

7. Protezzjoni tad-data

L-EBA ser tiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data. Dan japplika b'mod partikolari għall-kunfidenzjalità u għas-sigurtà ta' tali data.

8. Proċedura ta' Appell

Kandidati li jqisu li l-interessi tagħhom ġew ippreġudikati minn kwalunkwe deċiżjoni relatata mal-proċedura tal-għażla jistgħu jieħdu l-azzjonijiet li ġejjin:

8.1 Jitolbu rieżami tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għall-Għażla

Fi żmien għaxart ijiem mid-data tal-ittra li tinforma lill-kandidat bid-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tal-Għażla, hu jista' jissottometti talba bil-miktub għal rieżami ta' din id-deċiżjoni, bi preżentazzjoni tar-raġunijiet għat-talba, lill-indirizz tal-email li ġej: EBA-vacancies@eba.europa.eu

8.2 Appelli

a) Il-kandidat jista' jressaq ilment skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal fil-limiti taż-żmien stabbiliti, lill-indirizz li ġej:

The Executive Director
European Banking Authority
Il-proċedura tal-għażla: **Ref. LEGAL LO TA AD6 RL**
Floor 45 – 46, One Canada Square,
Canary Wharf, London E14 5AA
Ir-Renju Unit

b) Il-kandidat jista' jippreżenta appell ġudizzjarju lill-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal.

Għal dettalji dwar kif tippreżenta appell, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Qorti Ġenerali: <http://curia.europa.eu/>

8.3 Ilment lill-Ombudsman Ewropew

Huwa possibbli wkoll li tressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-Regolamenti tal-Persunal u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew¹⁴.

Għal dettalji dwar kif tressaq ilment, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Ombudsman Ewropew: <http://www.ombudsman.europa.eu/>

Jekk jogħġbok kun af li lmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew m'għandhomx effett ta' sospiża fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għat-tressiq ta' ilment jew appell rispettivament lill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(4) tal-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman Ewropew, kwalunkwe lment imressaq lill-Ombudsman Ewropew għandu jkun preċedut mill-approċċi amministrativi xierqa mal-istituzzjonijiet u l-korpi kkonċernati.

¹⁴ ĠU L 113 tal-4 ta' Mejju 1994.